MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru. 890/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**-OMISSIS-**

**EDWARD SPALDING**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati –**OMISSIS-** u **EDWARD SPALDING,** ta’ 26 sena bin John u Maria Carmela nee’ Agius, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Jannar, 1986 residenti 78, Triq Erin Serracino-Inglott, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 66586(M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar it-30 ta’ Awwissu 2012, bejn l-16:00hrs u s-18:30hrs gewwa Haz-Zabbar:

1. Ikkommettew serq ta’ safe kontenenti fi flus kontanti u laptop minn gewwa residenza 26, TwanCarm, Flt. 1, Triq il-Qoton, Haz-Zabbar liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta’ Carmel u Dorota Beata Spalding u/jew persuna jew persuni ohra;

Akkuzat lil Edward Spalding wahdu talli:

2. Fl-istess jum u fil-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer, saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAR 194 fi triq pubblika minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli b'hekk ghamel reat waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

-Omissis-

Il-Qorti giet mitluba tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' vettura DAR 194 tal-ghamla Mitsubishi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, erba' (4) stqarrijiet tal-imputat, fedina penali, okkorrenza, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, passaport u karta tal-identita'.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-24 ta' Gunju, 2013 (fol. 138) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fl-4 ta' Lulju, 2013 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta fit-12 ta' Gunju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu, 2014.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta Awwissu, 2014 (fol. 148) fejn din il-Qorti fuq talba tad-difiza nnominat lid-Direttur tal-Probation and Parole Services sabiex jinnomina ufficcjal tal-Probation sabiex ihejji pre sentencing report fuq l-imputat.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa li gie pprezentat nhar it-13 ta’ Ottubru, 2014 liema rapport gie mmarkat bhala Dok. CB.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat gej minn familja kbira u ftit li xejn kellu support minghandha u ftit li xejn kellu kuntatt ma’ hutu u ommu . Jidehr li l-imputat ghadda minn faqar socjali u jghid li ma kien hemm hadd ghalih u ried dejjem ifendi ghar-rasu sa mill-eta’ zghira ta’ tnax-il sena. L-imputat spjega li ghadda minn hafna swat mill-partner ta’ ommu u minhabba li l-familja tieghu xtaqet li jitpogga go istitut huwa harab u ghamel zoghzitu jghix wahdu go residenzi mhux fissi. Ta’ eta’ zghira huwa kellu jieqaf milli jattendi l-iskola ghaliex hadd ma kien jara li huwa kien qed jattendi u pprefera li jqatta’ il-hin ma’ shabu.

Fl-addoloxxenza tieghu l-imputat beda jaghmilha ma’ kumpanija negattiva fejn gie espost ghal kull tip ta’ droga. Beda jpejjep il-kannabis ta’ hdax-il sena u kompla jaghmel uzu minnha sa zmien twil, imbaghad ta’ sittax-il sena huwa beda jabbuza mid-droga eroina u kokaina. L-imputat jammetti li bhala adult tul iz-zoghzija u

sa madwar tmien xhur ilu huwa baqa’ jaghmel uzu minn sustanzi lleciti. Huwa ghamel perijodu fejn ipprova jzomm il-boghod mid-droga izda din kienet tghinu sabiex jirrilassa u jinsa l-problemi tieghu. L-imputat gieli fittex l-ghajnuna tal-Caritas bejn is-sena 2006 sas-sena 2012 ghalkemm il-kuntatt kien wiehed sporadiku u nkonsistenti. Fil-prezent pero’ jinsab f’kuntatt mad-Detoxification Out Patient Unit tal-isptar San Luqa fejn jattendi ghall-appuntatmenti ma’ Dr. Tonna u jmur kuljum jiehu l-methadone u bhalissa ghandu doza ta’ 10 cc. L-imputat jissottometti ruhu ghal testijiet tal-awrina gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole u bejn il-perijodu ta’ Settembru u Ottubru, 2014 dawn taw rizultat negattiv ghal presenza ta’ droga kemm eroina kif ukoll cannabis u kokaina.

Jidher li sar ukoll kuntatt mal-vittma Charles Spalding li jigi hu l-imputat u huwa jssotni li hafirlu lil huh u ma jixtieq l-ebda kumpens minn dak li gie misruq lilu. Izda jenfasizza li hemm bzonn li l-imputat izomm il-boghod mid-droga u mill-kumpanija hazina u jiffoka fuq il-familja illi huwa bena mat-tifla tal-mara tieghu sabiex ikun kapaci jmantni u jiehu hsieb it-tarbija tieghu.

Rigward xoghol skond ir-records tal-ETC jirrizulta li l-imputat kellu biss impjieg ghal ftit granet fis-sena 2003 imbaghad ghal ftit xhur fis-sena 2008 fejn huwa hadem bhala cleaner. Fil-present huwa ghadu kif beda jahdem sa mill-gimgha ta’ qabel ma gie redatt ir-

rapport tal-Probation Officer u dana bhala kennies u gardinar mal-Kunsill Lokali tal-Qawra bhala parti mill-progett tal-Unjoni Ewropeja bl-isem LEAP.

Il-Probation Officer ikkonkludiet li mill-*feed back* li hija ghandha wara li ilha ssegwi lill-imputat ghal dawn l-ahhar sena u erbgha xhur u minn dak li qaltilha s-Social Worker Victoria Spagnol fi hdan l-Agenzija Appogg u mill-informazzjoni li tatha sieheb l- imputat qed juri hafna mpenn fir-relazzjoni taghhom u fil-hajja tat- tarbija li ghandhom flimkien. L-imputat jidher ukoll li qed juri hafna responsabbilita' u hsieb f'ghemilu fejn jidher li beda jahdem b'iktar motivazzjoni fuq id-diversi *issues* li huwa ghandu.

Il-Probation Officer Cherissa Boffa waslet ghas-segwenti rakkomandazzjonijiet segwenti:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret f'dan ir-rapport jidher li fil-prezent Edward Spalding qieghed jipprova jghix hajja iktar stabbli fejn l-uzu ta' droga jidher li naqas f'dawn l-ahhar tmien xhur. F'dan il-kaz l-akkuzat ammetta r-reat li qieghed jigi migjub kontrih.*

*Ghalhekk meta wiehed jikkonsidra r-reat li kkommetta Edward Spalding, il-fatt li huwa qieghed f'relazzjoni stabbli u li qed jipprova jahdem sabiex imantni l-familja tieghu, u kif ukoll li hemm*

*sitwazzjonijiet personali li huwa jehtieg li jkompli jahdem fuqhom, qed jigi ssuggerit li tigi esplorata l-possibilita' li l-ikkoncernat jinghata Sentenza Sospiza b'Ordni ta' Supervizjoni annessa. Permezz ta' din is-sentenza huwa mahsub li Spalding ikollu deterrent qawwi bizzejjed sabiex izomm 'il boghod mid-droga u mill-kumpanija hazina u ghalhekk ma jirrikorrix ghall-mezzi llegali simili bhal dawk li graw fl-imsemmi kaz."*

Il-Qorti ezaminat ukoll ai fini ta' piena dak li qalet is-Social Worker Antonella Spagnol nhar l-1 ta' Lulju, 2014 u din stqarret li kienet ilha ssegwi lill-imputat minn Ottubru, 2013 wara li kien l-istess imputat li mar jitlob is-servizz taghhom. Qal li l-imptuat kien mar ghandhom flimkien mat-tfajla tieghu ghaliex kien ser ikollhom tarbija u kellu bzonn is-support taghhom u ghajnuna. Fil-fatt kienu applikaw ghall-Housing ghaliex kienu qed jghixu f'post mhux idejali ghat-trobbija tat-tfal u anke sabiex tghinhom izomm l-appuntament tat-tqala li kellha s-siehba tieghu. Tghid li in segwitu bnew relazzjoni mat-tabib tad-Detox sabiex jindirizza din il-problema u fil-fatt l-imputat jinsab taht il-kura ta' Dr. Tonna u jmur ghall-appuntament tieghu b'mod regolari. Fil-fatt tghid li l-bzonnijiet bazici u emozjonali li qieghdin jiehdu hsiebhom kemm l-imputat kif ukoll is-siehba tieghu li ghandha cittadinanza tal-Polonja.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u

kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita’ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba u affidabilita’ u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’ li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi minn dak li rrizulta u appuntu minn dak li qalet il-Probation Officer u s-Social Worker jidher li l-imputat ghamel progress kbir f’ hajtu tant li llum m’ghadux mahkum mill-vizzju tad-droga u qed izomm kuntatt regolari mad-Detox u mal-Appogg sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tieghu.

Illi ghalhekk in vista tal-fatt li l-imputat irregistra progress f’hajtu u li qed jaghmel kull sforz sabiex jghin lilu nnifsu, in vista tal-fatt li l-vittma Charles Spalding hu l-imputat stess hafer lill-imputat u ma hux qed jippretendi kumpens minghand l-imputat u in vista tar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer din il-Qorti hija propensa li taghti sentenza sospiza ai fini tal-piena idoneja f’dan il-

kaz u dan bil-ghan li l-imputat jibqa’ fit-triq it-tajba l-boghod mill-hajja ta’ kriminalita’ u b’hekk sejra ukoll tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervision ghall-perijodu kollu tas-sospensjoni tas-sentenza ta’ prigunerija.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-**Artikoli 17, 23, 31, 261(b)(c)(d)(e), 263(a), 264, 265, 267, 268(b), 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281(b) u 533 tal-Kapitolu 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u Reg. 3 u 79 tal-L.S. 65.18 qieghda issib lill-imputat Edward Spalding hati u tikkundannah ghall-prigunerija ghall-perijodu ta’ sentejn mil-lum sospiza ghall-perijodu ta’ erbgha snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Oltre dan tordna li l-imputat jitpogga taht ordni ta’ supervision ghall-perijdou kollu tal-operat tas-sentenza (liema ordni hija hawn annessa u ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza) sospiza u dan ai fini tal-Artikolu 28G (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex ikompli jsegwi lill-imputat u ghal dan il-ghan taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha li jekk hu possibbli tigi nominata l-Probation Officer Charisse Boffa li diga’ ghandha konjizzjoni tal-fatti tal-kaz.

Il-Qorti qieghda ukoll ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra ta’ diversi esperti u qieghda taghti zmien tlett snin ai termini tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din is-somma tingabar mid-Direttur tal-Qorti Kriminali. Tordna ghalhekk li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur sabiex jingabar l-ispejjez tal-esperti.

Il-Qorti qieghda tordna l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta hekk kif kontemplata fl-Artikolu 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq talba tal-Prosekuzzjoni stess u tordna ghalhekk li d-Direttur ukoll jiehu konjizzjoni ta’ dan sabiex tali ordni tigi ppublikata skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------